MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru. 348/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**David Gatt.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra David Gatt, iben Alfred u Rita nee Azzopardi, imwieled l-Imtarfa nhar is-17 ta' Frarf 1977 u residenti Corradino Correctional Facility Paola ID card number 153677 (M)

Akkuzat talli fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin Paola fis-27 ta' Gunju 2007

(a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi

Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kif ukoll minghajr awtorita' legittima, dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs medicina perikoluza skond l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Att dwar il-Habs tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija l-Qorti tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-process inkluz ic-certifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 1536 tal-1977, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju 2007, il-kunsens tal-Avukat General tal-1 ta' Awwissu 2007 u l-kunsens tal-imputat tal-25 t'April 2008 sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji, l-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Silvio Meli u l-konferma tal-esperti mahtura matul l-inkjesta (fol 35).

3. Semghet ix-xhieda bil-gurament

4. Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Illi fis-27 ta’ Gunju 2007, waqt li l-ufficjali tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin kienu qed jaghmlu tfittxija fic-cella 203 Division 5 sabu caruta li kienet that il-washhand basin ta’ din ic-cella u fiha kien hemm plastic bag zghira b’qisu madwar 5 grammi sustanza suspettata eroina.

6. Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li l-eroina misjuba ma kenitx tieghu. Huwa qal li kien ilu fic-cella xi xahrejn u meta dahal fiha u beda jnaddafha kien sabu diversi affarijiet li ghandhom x’jqasmu mad-droga, bhal foil mahruq u bicciet tar-resin. Huwa kein rema dawn l-affarijiet izda bil-foil kien qal lil xi ufficjali. Huwa kien sab dawn l-affarijiet fit-toqba tal-overflow tas-sink, taht is-sodda u taht il-cupboard. Fic-cella qablu kien hemm certa persuna maghrufa bhala Marco, il-Pinzell. L-ufficjali kienu sabu d-droga wara s-sink fuq nett. L-imputat innega li d-droga kienet tieghu.

7. PS 100 Terence Azzopardi xehed li waqt it-tfittxija fic-cella tal-imputat kienu ndunaw lit a]t is-sink kien hemm bicca drapp u fiha kien hemm imgewzra borza tal-plastik li kien fiha sustanza kannella.

8. Dan kien ikkonfermah ukoll is-CO Joseph Farrugia li qal ukoll li x’hin l-imputat iien mistoqsi s-sustanza x’kienet, dan qal li din kienet smack. A fol 24 dan ix-xhud qal ukoll li l-imputat qalilhom li kienet tieghu u li l-imputat ‘harigha minn taht is-sink.’ Izda dan l-istess xhud qal li ma kienx staqsa ta’ min kienet is-sustanza.

9. Xehed ukoll is-CO Conrad Saliba li qal li s-sustanza kienet instabet that is-sink u li l-imputat, meta mistoqsi x’kienet is-sustanza, kien wiegeb ‘Mhux smack?’. (Fol 28).

10. Xehed ukoll Daniel Cuschieri li wkoll ikkonferma li d-droga nstabet taht is-sink.

11. Mix-xhieda forensika jirrizulta li s-sustanza kienet eroina, li kellha purita’ ta’ 40% u li l-pakkett kien jizen 5.72 grammi.

12. Rat ukoll ir-ritratti esibiti u qed taghmel referenza b'mod partikolari ghal dak immarkat 07 BIG 105.

**Ix-xhieda tal-Imputat**

13. Xehed l-imputat li qal li lill-ufficjali kien qalilhom li hu haseb li kienet eroina. Huwa sedta' jaghrafha ghax kellu l-vizzju tad-droga. L-imputat cahad li l-eroina kienet tieghu. Huwa qal li kien ilu fic-cella xahar u nofs (fol 43). U ikkonferma l-isem tal-persuan li qabel kienet tokkupa c-cella.

14. Fil-kontro-ezami l-imputat qal li kien fittex fic-cella izda mhux fis-sens li jqalleb taht il-gwardarobba u taht is-sink. (fol 44).

15. Il-Prosekuzzjoni fakkritu x'kien qal fl-istqarrija dwar it-tiftix likien ghamel. L-imputat wiegeb li kien sab dak li kien jidher.Huwa kien fittex fis-sink u taht is-sodda.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

16. L-imputat qal li d-droga ma kenitx tieghu u semma wkoll il-persuna li qabel kienet tokkupa l-istess cella.

17. L-ewwelnett, il-Qorfti mhix temmen li l-imputat ma kienx jaf bl-eroina fil-kamra tieghu. Hu stess qal li kien fittex anke taht is-sodda u fis-sink u kien sab affarijiet relatati mad-droga. Dawn qabad u ramiehom waqt li l-foil gharraf biha lill-ufficjali.

18. Ic-cella m'ghandhiex xi dimensjonijiet enormi jew xi salt ghamara go fiha. Skond ir-ritratt ic-carruta hija kulurita u l-borza li kien fiha d-droga mhix xi wahda zghira.

19. Wara li qieset dan kollu, il-Qorti qed tiddeciedi li l-imputat kien jaf x'hemm that is-sink.

20. L-imputat ipprova jiddefendi ruhu billi jaghid li c-cella kienet okkupata qabel minn persuna ohra u ghalhekk l-erpoina mhxu bilfors kienet tieghu.

21. Il-Qorti qed tqis li mhux biss l-imputat kien naddaf ic-cella tajjeb izda li kien ilu fic-cella ghal bejn xahar u nofs jew xahrejn (skond l-istqarrija). Kieku kien ghadu jidhol fic-cella, kien ikun hemm lok ghad-dubju izda wara tindifa tac-cella mill-imputat stess, u wara s–sejbien mill-imputat ta' oggetti relatati mad-droga, mhix lesta li temmen li l-imputat ma keinx jaf bid-droga li kien hemm taht is-sink.

22. Huwa kien fid-dmir li jirraporta b'kollox lill-Ufficjali tal-Facilita' u mhux jaqbad u '*jarmi'* li jrid waqt li jirritorna l-bicca foil. Wiehed jistaqsi 'Ghaliex l-imputat irritornba l-foil u mhux l-affarijiet l-ohra li sab?'

23. Il-pussess tad-droga bl-ebda mod m'huwa marbut am' xi nozzjoni tal-Kodici Civili t'a pussess jew propjeta'. Il-kwistjoni kollha dwar il-pussess hija semplici: jekk id-droga hix that il-kontroll tal-persuna.

24. Lanqas jekk l-eroina kienet fic-cella qabel, fi zmien xahar u nofs jekk mhux xahrejn l-imputat kellu l-obbligu li jigbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-Facilita'.

25. Il-Qorti qed tiddeciedi li l-imputat kien naf bid-droga li kien hemm fic-cella tieghu u ghalhekk, ai fini tal-Kap 101, **kienet fil-pussess tal-imputat.**

26. L-ammont ta' droga (5 grammi) huwa wiehed serju u huwa ta' perikolu meta jinstab kullimkien ahseb u ara f'istituzzjoni bhalma hi l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**It-tieni Imputazzjoni**

27. L-imputat kien akkuzat ukoll li dahhal jew ipprova jdahhal f’xi parti tal-konfini ta’ habs medicine perikoluza.

28. Il-Qorti ma sabet ebda prova li l-imputat uipprova jdahhal jew dahhal xi medicina perikoluza fil-konfini ta’ habs.

29. Id-Dizzjunarju tal-Professur Aquilina jaghti dawn tifsiriet ghall-kelma ‘dahhal’:

To insert; to introduce; to involve; to employ; to acquire or earn.

30. Issa biex wiehed idahhal xi haga f’xi imkien irid ikun gie biha minn xi post ie]or u dahhalha gewwa. Jista’ wkoll ikun ftiehem ma’ xi hadd iehor biex dan il-hadd iehor idahhal xi haga u ghalhekk min ikun gewwa jsir komplici. Izda l-fatt li wiehed instab bid-droga fil-Facilita’ **wahdu** mhux prova li dahhal id-droga hu. S’intendi hijka sitwazzjoni differenti jekk xi prigunier ikun ittiehed l-isptar jew ingab il-Qorti, jkun sarlu cekk qabel hareg u imbaghad jinstab bid-drogi fil-konfini tal-Facilita’, allure f’an il-kaz l-imputat ikun dahhal id-droga.

31. Ghalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imptuazzjoni ghax m’hemm ebda prova ghal din l-imputazzjoni.

32. Oltre dan din l-imputazzjoni am ssemmi ebda droga b’isimha u ghalhekk l-imputazzjoni ghandu nuqqas iehor.

**Konkluzjoni**

33. Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6 , l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikolu 7(1)(2) tal-Atrt Dwar il-Habs tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-imputat hat ital-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

34. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' €700. Il-multa tista' tithallas b'rati ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat mil-lum. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc irid jithallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Ewros mhix imhallsa.

35.Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ihallas €204.73, spejjez tal-esperti mahtura matul l-inkjesta ghaliex din saret wara s-16 ta' Jannar 2006.

36. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga that il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------